**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Julia Farrugia

Vs

Jesmond Vassallo – Europa Tours

CCT 36/22/MM

Illum, 4 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2022 fejn talbet is-somma ta' sitt mija u erbgħin Ewro (€ 640), ir-rifużjoni ta' prezz ta' persuna waħda għal-*tour* ibbukjat mas-soċjeta' intimata li għalih ir-rikorrenti ma attendietx allegatament wara li l-istess ġie kkanċellat.

Illi minkejja li soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata hija baqat ma ppreżentax risposta iżda kien preżenti għas-seduta appuntata għall-provi.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tagħha r-rikorrenti tispjega li hi flimkien ma' sħabha kienu bbukjaw tour organizzat mis-soċjeta' intimat ġewwa l-Germanja mit-8 ta' Diċembru 2021 sat-12 ta' Diċembru 2021.

Illi r-rikorrenti ssostni li hi u sħabha dejjem xtaqu li jmorru dan it-tour u qatt ma esprimew xewqa li jikkanċellaw madankollu ftit jiem jew ġimgħat qabel it-titjira huma ġew infurmati li t-tour ma kienx ser isir u b'hekk kienu ser jirċievu ittra li huma kellhom jiffirmaw, kopja ta' liema tinsab annessa mat-talba immarkata bħala Dok 1.

Illi min-naħa tagħha s-soċjeta -intimat tisħaq li hija qatt ma kkanċellat tours u saħanistra l-lukanda u t-titjiriet baqgħu joperaw. Hija tispjega li pero' kien qiegħed jirċievi bosta telefonati min-nies beżgħana li ma xtaqux isiefru minħabba l-Covid 19 u b'hekk kien offra l-*option* lir-rikorrenti iżda **qatt** ma kien ikkanċella.

Illi jidher li d-diżgwit bejn ir-rikorrenti u l-intimat jippreċipita għall-fatt li filwaqt li s-soċjeta' intimata iħoss li r-rikorrenti għandha tieħu r-rifużjoni tat-tour bid-deduzzjoni ta' Euro 60 'hotel cancellation fee' u Euro 220 f'forma ta' *voucher*, ir-rikorrenti tisħaq li hi għandha tirċievi r-rifużjoni fit-total tagħha mingħajr deduzzjonijiet jew f'xi parti minnha forma ta' *voucher*.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'verżjonijiet kontrastanti ferm fejn min-naħa waħda r-rikorrenti u sħabha isostnu illi huma qatt ma xtaqu jikkanċellaw it-tour u di fatti mhux biss ma ffirmawx l-ittra iżda lanqas ma sarrfu c-*cheque* mibgħut lilhom flimkien mal-*voucher* mibgħut lilhom. Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' intimata ssostni li kienu r-rikorrenti li xtaqu jikkanċellaw u di fatti għamel minn kollox sabiex jottjeni l-aqwa rata ta' kanċellament min-naħa tal-lukanda. Saħansitra s-soċjeta' intimataa isostni li dakinhar, tat-tirjira huwa xorta waħda kien ippreżenta ruħu ġewwa l-ajruport ta' Malta sabiex min tfaċċa setgħa rikeb l-ajruplan u kompla bit-*tour*.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi dan it-Tribunal xejn ma hu konvint mill-verżjoni mogħtija mill-intimat li mhux biss ma hijiex konsistenti iżda saħanstira f'ċertu istanzi hija kontradittorja. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li fl-istess nifs fejn l-intimat jikkonferma li r-rikorrenti u sħabha kienu ħassru t-*tour* fl-istess waqt mhux biss ma jipprovdi l-ebda prova ta' dan iżda ma jiftakarx jekk kienx

kellimhom jew le. Iktar u iktar jingħad għall-fatt li fl-istess nifs li l-intimat jispjega li min ried setgħa ppreżenta ruħu l-ajrurport u rikeb l-ajruplan u di fatti allegatament il-biljetti tar-rikorrenti ġew indikati bħala 'no show', fl-istess waqt huwa jgħid li l-kumpanija tal-ajru reġgħet tagħtu dawn il-biljetti u huwa kien biegħhom sussegwentement lil klijenti oħra.

Illi anki l-fatt li ħareġ mix-xhieda tal-intimat li l-*voucher* fl-ammont ta' Euro 220 kull persuna kien lest li jagħti lir-rikorrenti fi flus kontanti u mhux *voucher* hija xhieda xejn kredibbli. Dan jingħad iktar u iktar meta l-intimat lanqas imqar ippreżenta prova dokumentarja waħda in sosten mal-proposti kollha tiegħu li hu jisħaq li offra r-rikorrenti, tant li għadu sa llum am jistax jiġi determinat u ppruvat eżattament x'qed jisħaq li offra l-intimat lir-rikorrenti, għajr l-ittra li bgħatilhom bid-deduzzjoni tas-Euro 60 cancellation fee u l-kumplament tar-rimbors f' *cheque* ta' Euro 360 u *voucher* ta' Euro 220.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti billi jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' Euro 640.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru